# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 185/08/1 MH**

**Christian Muscat**

**v.**

**Awtorita` dwar it-Trasport, Direttorat tat-Toroq, Kunsill Lokali Attard u Schembri Barbros Limited (C-9577)**

1. Din is-sentenza titratta żewġ appelli inċidentali, wieħed tal-Awtorita` konvenuta u l-ieħor tal-konvenut Schembri Barbros Limited, minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2017 li biha ġew dikjarati responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fit-3 ta' Novembru 2006 u li biha kienu kundannati jħallsu lill-attur danni fl-ammont ta' €1,840, in kwantu għal €1,226 mis-soċjeta` Schembri Barbros

Ltd. u €613.00 mill-Awtorita` dwar it-Trasport. L-appell tal-attur mar deżert peress li ma ħallasx il-kawtela.

**Preliminari:**

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għall-kawża huma dawn:

2.1. Fit-3 ta' Novembru 2006, f'xi ħin bejn l-10:00pm u l-10:30pm, l-attur kien qed isuq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni CSM – 154, proprjeta` ta' martu, Claire Said, f'Mdina Road Attard, direzzjoni mir-Rabat lejn Attard. X'ħin wasal ftit 'il bogħod minn dik il-parti ta' Triq l-Imdina fejn hemm daħla għall-Misraħ Kola, faċċata ta' pompa tal-petrol, sab ma wiċċu *roundabout* li kienet ghadha kemm inbniet fejn qabel kien hemm *central strip* għad-dritt u tilef il-kontroll tal-mutur fiż-żrar li allegatament kien hemm madwarha bil-konsengwenza li martu nqalbet. L-attur baqa' fuq il-mutur sakemm l-istess ħabat mal-*bricks* tar-*roundabout* u bl-impatt tar minn fuqu u ntilef minn sensih. Il-mutur tela' fuq ir-*roundabout,* ħabat mal-arblu tad-dawl li kien hemm fiha, qabad mal-ħbula tal-azzar tiegħu u dar magħhom[1];

2.2. Mad-daqqa l-attur tkaxkar għal diversi metri, ħabat rasu u sofra ksur fis-suba' l-kbir tal-id tax-xellug, u saritlu operazzjoni[2].

[1] Fol. 191, 198, 199.
[2] Fol. 91.

Konsegwenza diretta tal-ksur li kellu, l-attur tilef ftit mill-moviment tas-suba' l-kbir[3];

2.3. Ix-xogħlijiet fit-triq in kwistjoni kienu saru mis-soċjeta` konvenuta Schembri Barbros Limited li *a sua volta* ġiet kommissjonata minn sid il-pompa tal-petrol '*Pit Stop'.* Dan bi tħejjija għall-entratura tal-imsemmija *fuel station* li dak iż-żmien kienet qiegħda tinbena fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Sabiex sar dak ix-xogħol kienet talbet u ngħatat il-permess mill-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta skont l-Artikolu 29 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta (dispożizzjoni li tħassret żmien wara)[4];

2.4. Fl-20 ta' Frar 2008 mart l-attur fetħet kawża kontra l-Awtorita` dwar it-Trasport, id-Direttorat tat-Toroq, il-Kunsill Lokali Attard, Schembri Barbros Limited (C-9577) u Charles Muscat għad-danni li sofriet minħabba ħsara li saret fil-mutur proprjeta` tagħha (Rik. Nru. 181/2008 MH). Kawża deċiża fl-4 ta' Ottubru 2017, fejn ir-responsabbilta` għall-inċident ġiet maqsuma in kwantu għal ¼ fuq l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta u ¾ fuq Schembri Barbros Limited. Ma jirriżultax li sar appell minn dik is-sentenza u għahekk hi ġudikat.

2.5. L-għada, 21 ta' Frar 2008, l-attur fetaħ il-kawża tal-lum. Iż-żewġ kawżi nstemgħu mill-istess Qorti u s-sentenza ngħatat fl-istess

[3] Fol. 93.
[4] Fol. 21.

ġurnata. Ir-responsabbilta` għall-inċident ovvjament inqasmet fl-istess grad bħas-sentenza l-oħra.

3. Fir-rikors maħluf l-attur ippremetta li l-inċident seħħ tort tal-konvenuti jew min minnhom u għalhekk talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara lill-konvenuti intimati jew minn minnhom responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u b'konsegwenza tal-istess incident ghad-danni kollha li sofra l-attur rikorrenti;*
>
> *2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur rikorrenti, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti intimati jew minn minnhom ihallsu lill-attur rikorrenti dak l-ammont li jigi likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.*
>
> *Bl-ispejjez inkluzi dik tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar 2007, tal-protest gudizzjarju u bl-imghax legali kontra l-konvenuti intimati ngunti ghas-subizzjoni".*

4. Is-soċjeta` konvenuta <u>Schembri Barbros Limited</u> ippreżentat tweġiba maħlufa fit-23 ta' April 2008 fejn qalet:

> *"1. L-ewwel talba tar-rikorrent kif dedotta kontra s-socjeta' intimata ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-istess rikorrent minhabba nuqqas ta' "proper lookout". Min-naha taghha, is-socjeta' intimata, ottemperat ruhha mal-obbligu taghha li tavza lill-pubbliku b'mod opportun li kienu qed isiru xoghlijiet stradali, permezz ta' "glass markers" u tabelli.*
>
> *2. It-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tkun rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-pretensjoni tar-rikorrent li konsegwenza tal-incident hu garrab debilta' permanenti hija kontestata u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.*
>
> *3. It-tielet talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda billi s-socjeta' esponenti m'ghandiex tkun kostretta thallas ebda danni lir-rikorrent.*
>
> *4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi".*

5. L-<u>Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta</u> wieġbet fil-25 ta' April 2008 u qalet:

> *"1. Illi prelimarjament ir-responsabbiltajiet tad-Direttorat tat-Toroq jaqghu taht il-mansjoni ta' l-Awtorita' Dwar it-Transport ta' Malta ai termini tal-Kap. 332 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant id-Direttorat tat-Toroq ghandu jigi liberat mill-gudizzju;*
>
> *2. Illi prelimarjament u minghajr pregudizzju, l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta mhiex il-legittimu kontradittur ghal din l-azzjoni stante illi hija ma kienetx responsabbli mill-bini u/jew kostruzzjoni ta' roundabouts fi triq l-Imdina, Attard.*
>
> *3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati sia fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi l-Awtorita' konvenuta ma wettqietx u lanqas qabbdet lil terzi ghan-nom taghha sabiex jaghmlu xi xoghlijiet fit-triq imsemmija fejn gara l-allegat incident kif ser jirrizulta matul il-kawza.*
>
> *4. Illi minghajr pregudizzju, fit-triq in kwistjoni u cioe Triq l-Imdina, Attard u fiz-zminijiet indikati mill-attur, kienu qed isiru xoghlijiet minn terzi persuni. Dawn ix-xoghlijiet ma kienux imqabbdin jew ikontrattati mill-Awtorita' konvenuta u ghaldaqstant l-awtorita' konvenuta mhiex responsabbli ghall-allegat incident u konsegwentament ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li sofra l-attur.*
>
> *5. Illi minghajr pregudizzju terzi persuni illi jkunu jridu jaghmlu xi xoghlijiet f'toroq arterjali bhal ma hija Triq l-Imdina, Attard iridu jottenju permess mill-Awtorita' konvenuti qabel jibdew ix-xoghlijiet.*
>
> *6.Illi minghajr pregudizzju l-Awtorita' konvenuta kienet harget permess sabiex isiru xoghlijiet fit-triq in kwistjoni bejn l-4 ta' Settembru 2006 sat-3 ta' Novembru 2006 liema permess kellu diversi kondizzjonijiet inkluz illi l-kuntrattur illi jkun qed jaghmel ix-xoghlijiet ghan-nom ta' terzi kellu jara li jaghmel is-senjalatika u diversion signs adekwati.*
>
> *7. Illi l-permess mahrug jistipula fost kundizzjonijiet ohra illi "adequate signage to be st out 24 hours a day for the whole duration of the works.", kif ukoll illi "appropriate signs, warning of the deviation, are to be located on the approach to the site in caption at 500m, 200m, 100m, 50m and 25m and at any ther location specified".*

6. Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard wieġeb ukoll. Fl-ewwel eċċezzjoni argumenta li ma kellu xejn x'jaqsam max-xogħol li sar fit-triq u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

7. B'sentenza li ngħatat fl-4 ta' Ottubru 2017 il-Qorti Ċivili, Prim' Awla ddeċidiet:

> *"1. Tilqa' l-eccezzjoni prelminari tal-Kunsill Lokali Attard u tiddikjara illi mhuwiex legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u tilliberah ghalhekk mill-osservanza tal-gudizzju'.*
>
> *2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet taghha;*
>
> *3. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' Schembri Barbros Ltd;*
>
> *4. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara lis-socjeta' Schembri Barbros Ltd u lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta responsabbli ghall-incident u d-danni kollha sofferti mill-attur, liema responsabbilta' ghandha tinqasam hekk: tlett kwarti ghandha tingarr mis-socjeta' Schembri Barbros Ltd u kwart mill-Awtorita'dwar it-Trasport ta' Malta;*
>
> *5. Tilqa' t-tieni talba attrici u tillikwida s-somma ta' elf tmien mija u erbghin Ewro (€1,840) bhala danni sofferti mill-attur kawza talincident stradali tat-3 ta' Novembru 2006;*
>
> *6. Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' Schembri Barbros Ltd thallsu s-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin Ewro (€1,226.00) u lill-Awtorita' dwar it-Trasport is-somma ta' sitt mija u tlettax il-Ewro (€613.00);*
>
> *7. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu hekk: tlett kwarti jkunu a karigu tas-socjeta' Schembri Barbros Ltd u kwart ikunu a karigu tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, hlief ghal dawk tal-Kunsill Lokali Attard u tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur".*

8. Fl-24 ta' Ottubru 2017, l-attur <u>appella</u> mill-kap tas-sentenza li jitratta dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Ilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti qalet li

huwa ma ppreżentax provi u bbażat id-deċiżjoni fuq il-*minimum wage* nazzjonali. Filwaqt li sostna li huwa kien effettivament ressaq tali prova quddiem l-assistent ġudizzjarju, mar-rikors tal-appell ippreżenta r-rendikonti tat-taxxa għas-snin ta' stima 2007, 2008, 2009, 2010 u 2011 u abbażi ta' hekk sostna li l-figura ġusta kellha tkun €26,638.73. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *"tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata b'mod illi jiġu milqugħa l-aggravji kif imressqa f'dan l-umli rikors tal-appell".*

9. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta wieġbet illi l-aggravju tal-attur huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u li għalhekk l-appell tiegħu għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih. Fl-istess waqt ippreżentat appell inċidentali u talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tħassarha u tirrevokaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħhha, fejn iddikjarat li għandha ġġorr kwart tar-responsabbilita` u kkundannata tħallas lill-attur is-somma ta' €613.00 u kwart tal-ispejjeż tal-kawża.[5] Għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"(i) Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appellat fil-konfront tal-Awtorità esponenti;*
>
> *(ii) Tilqa' l-aggravji u l-eċċezzjonijeit tal-Awtorità esponenti; u*
>
> *(iii) Tikkonferma s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet hawn fuq premessi għall-kumplament.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat".*

---

[5] Il-Qorti tinnota li fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza l-Ewwel Qorti qalet li r-reponsabbilta` għandha tinqasam in kwantu għal 2/3 fuq il-kumpanija konvenuta u 1/3 fuq l-Awtorita`. Fil-fatt fil-parti dispożittiva tas-sentenza d-danni li llikwidat il-Qorti nqasmu b'dak il-mod, minkejja li ntqal ukoll li r-responsabbilta` in kwantu *"tliet kwarti għandħa tinġarr mis-soċjeta Schembri Barbros Ltd u kwart mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta"* (ara paragrafu 4 tal-parti dispożittiva).

10. Il-Kunsill Lokali Attard wieġeb illi, sa fejn tirreferi għalih, is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

11. Is-soċjeta` Schembri Barbros Limited ukoll wieġbet illi l-aggravju tal-attur huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u li għalhekk l-appell tiegħu għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih. Fl-istess waqt ressqet appell inċidentali u t-tibdil tas-sentenza fis-sens li:

> *"minflok illi ssib lill-esponenti responsabbli fil-grad ta' tlett kwarti (3/4) għall-inċident illi seħħ fit-3 ta' Novembru 2006, tilqa' l-eċċezzjonijiet minnha mressqa u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju".*

12. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 il-Qorti ddikjarat l-appell tal-attur deżert peress li ma ħallasx il-kawtela għalkemm notifikat bl-avviż ta' smigħ u kawtela.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Fadal għalhekk iż-żewġ appelli inċidentali.

14. L-ewwel qalet hekk dwar ir-responsabbilta` għal dak li ġara:

> *"It-tieni eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' tghid hekk –*
>
> > *"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta mhiex il-legittimu kontradittur ghal din l-azzjoni stante illi hija ma kinitx responsabbli mill-bini u/jew kostruzzjoni ta' roundabouts fi Triq l-Imdina, Attard."*

*Huwa pacifiku mill-provi mressqa, u kif ser jigi amplifikat aktar 'l quddiem fis-sentenza, li x-xoghlijiet li twettqu mill-kuntrattur konvenut Schembri Barbros Limited fi Triq l-Imdina, Attard, gew kommissjonati biss minn sid il-pompa tal-petrol Pit Stop. Madankollu la l-incident sehh fi triq arterjali li taqa' taht il-mansjoni tal-Awtorita' konvenuta, u partikolarment minhabba li l-lanjanzi tal-attur jinkludu allegat nuqqas ta' dwal u senjalagg adegwat fit-triq, il-Qorti tqis li tezisti relazzjoni guridika bejn l-Awtorita' u l-attur li tirrendi lill-istess Awtorita' bhala legittimu kontradittur sabiex tirrispondi ghat-talbiet attrici.*

***Din l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.***

*Sorvolati l-eccezzjonijiet preliminari, il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-mertu tal-kaz.*

***3. Dinamika tal-incident***

*Irrizulta mill-provi li nhar it-3 ta' Novembru 2006, f'xi hin bejn l-10.00pm u l-10.30pm, l-attur flimkien ma' martu Claire Said, attrici fil-proceduri konnessi, kienu rekbin fuq mutur proprjeta' taghha numru ta' registrazzjoni CSM-154. Kien l-attur li qieghed isuq il-mutur fi Triq l-Imdina, Attard fid-direzzjoni mir-Rabat lejn Attard. Il-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin u ma kienx hemm xita. Kif avvicinaw l-akwati tal-pompa tal-petrol li tinsab ftit metri boghod mill-entratura ghall-isptar Monte Carmeli, ezattament ftit qabel roundabout gdida li kienet ghadha kif inbniet, l-attur tilef il-kontroll tal-mutur minhabba hmieg u zrar li kien hemm fil-post. Martu ghelbet ghal fuq naha wahda u ma wegghetx. Izda l-attur li kien ghadu fuq il-mutur baqa' diehel gor-roundabout, tar minn fuqu u ntilef minn sensih. Il-mutur habat ma' arblu li kien hemm fir-roundabout u garrab hsarat.*

***4. Danni b'rizultat tal-incident***

*Irrizulta mill-provi li kawza ta' dan l-istess incident, mhux biss l-attur garrab feriti li hallew effetti permanenti fuqu, izda saret ukoll hsara fil-mutur proprjeta' ta' Claire Said, l-attrici fil-proceduri konnessi.* ***Ghall-fini tal-kaz odjern, il-Qorti sejra tqis biss l-effetti tal-feriti li garrab l-attur Christian Muscat.***

*Il-**perit mediku mqabbad mill-Qorti Mr Massimo Abela** ikkonstata skont l-istorja tal-fatti moghtija lilu mill-attur u skont id-dokumenti tal-isptar Mater Dei li malli sehh l-incident, l-attur habat rasu u hass ugiegh fil-polz u s-seba' l-kbir tax-xellug kif ukoll fl-irkobba tal-lemin. Wara li ttiehed l-isptar b'ambulanza u nzamm ghall-osservazzjoni, jumejn wara l-incident u cioe' fil-5 ta' Novembru 2006, saritlu operazzjoni minhabba ksur li kellu fis-seba l-kbir ta' idu x-xellugija. L-ghada gie rilaxxjat mill-isptar. Wara perjodu ta' sitt gimghat tnehhilu l-gibs u l-wire li kellu u nghata l-parir biex jaghmel sessjonijiet ta' fizjoterapija. L-attur dahal lura ghax-xoghol ftit granet wara l-incident.*

*Fid-data li fiha gie ezaminat l-attur minn dan l-espert, nhar it-23 ta' Marzu 2012, huwa kien ghadu qed jilmenta minn ugiegh u ghebbusija (stiffness) fis-seba' l-kbir ta' idu x-xellugija. Kien ihoss ukoll tnemnim fil-parti ta' fuq ta' dan is-seba u kien jiehu pilloli biex itaffi l-ugiegh. L-attur qallu wkoll li l-irkobba tal-lemin ma kinitx ghadha ttellfu.*

*L-opinjoni medika ta' Mr Abela hi li –*

> *"Christian Muscat garrab griehi ta' natura serja meta kien involut f'incident tat-traffiku fit-01/11/2006. Garrab ksur tal-parti tas-seba l-kbir tal-id tax-xellug (Bennett's fracture). Kellu bzonn intervent kirurgiku biex jitqieghed f'postu u jigi stabilizzat il-ksur. Konsegwenza diretta tal-ksur li kellu tilef naqra mill-moviment tas-seba l-kbir."*

***Ir-rata ta' dizabilita' ta' l-attur skont l-espert mediku hija ta' wiehed fil-mija (1%).***

*Imbaghad skont **rapport mediku ex parte tal-konsulent Mr Charles Grixti**, li ezamina lill-attur fit-2 ta' Marzu 2007 –*

> *"Mr Muscat sustained a fracture to the base of his left thumb which needed fixation with a wire. The fracture has healed but Mr Muscat remains with some limitation of movement in his left thumb and in particular in bending it and opposing it to the little finger. Both these movements can interfere with daily use.*
>
> *I rate the patient's permanent residual disability at 3% (three percent)."*

*Il-Qorti tinnota li minkejja li l-attur kien talab il-hatra ta' periti perizjuri sabiex jikkonstataw id-dizabilita' tieghu, u minkejja li b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Jannar 2013 gew mahtura tlett periti perizjuri, mill-atti ma jirrizultax li l-ezami tal-attur minn dawn l-esperti sar u lanqas ma gie prezentat xi rapport minnhom fir-rigward. L-attur lanqas ma jidher li kompla jinsisti li dawn il-periti perizjuri jespletaw l-inkarigu taghhom.*

*Huma ghalhekk dawn iz-zewg rapporti succitati li jixhtu dawl dwar il-feriti li sofra l-attur kawza tal-incident u l-permanenza taghhom.*

***5. Responsabbilta' ghall-incident***

*L-evalwazzjoni tal-Qorti trid twassal sabiex jigi stabbilit jekk il-partijiet jew min minnhom ghandhomx igorru responsabbilta' ghall-incident u se mai f'liema grad.*

*Fir-rigward tal-attur, bhala s-sewwieq tal-mutur huwa certament kellu l-obbligu li jezercita proper look-out ghal dak li kien hemm fit-triq.*

*...*

*Elenkati dawn il-principji gurisprudenzjali, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li l-attur u martu Claire Said it-tnejn jghidu li huwa ma kienx ghaddej isuq b'velocita' gholja fil-hin ta' qabel l-incident. Huma jghidu li kienu qeghdin isuqu b'velocita' circa 40 km/h.*

***Duncan Baldacchino, xhud okulari tal-incident,*** *qal hekk –*

> *"Bhala speed ma kienx ghaddej eccessivament, forsi 70 kilometru. Kieku, peress li kien mutur kbir tisimghu ukoll."*

*Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta li l-velocita' li kien ghaddej biha l-attur kienet wahda moderata.*

*Inoltre dakinhar il-kundizzjonijiet tat-temp kienu tajbin u ma kienx hemm xita. Isegwi li l-elementi tan-natura ma setghux ikkawzaw jew ikkontribwew ghall-dan l-incident.*

***L-attur*** *jatribwixxi l-kawza tal-incident ghal zewg fatturi: (a) il-hmieg u zrar li kien hemm minhabba l-qtugh u l-bini tar-roundabout; u (b) nuqqas ta' dawl u sinjali. Huwa jixhed hekk –*

> *"Nghid kif wasalna fil-post fejn illum hemm il-pompa tal-petrol, nghid li kien hemm arblu fin-nofs. Nghid li madwar l-arblu kien hemm anke l-hmieg ma' l-art….Nghid ma kien hemm l-ebda dawl jindika li minn traffic island saret roundabout….Inzid nghid li lanqas kien hemm ebda sinjali fejn kien hemm Work in Progress lanqas. Li gara li meta l-mutur hass dan il-hmieg li kien hemm ma' l-art, skiddja u jiena pruvajt inzomm il-mutur izda ghalxejn, spiccajna ma' l-art."*

*Minn naha taghha, martu* ***Claire Said*** *tikkonferma dan. Hija xehdet li –*

> *"Ahna konna nezlin mir-Rabat fi Mdina Road…..u ftit qabel ma hemm il-pompa tal-petrol il-gdida, ir-ragel sab ruhu f'diffikultajiet meta sab roundabout gdida li ma kinitx hemm qabel. Ma kien hemm l-ebda dwal li kienu qed isiru xi xoghlijiet. U kif wasalna ezatt, ftit metri boghod mir-roundabout, il-mutur telaq minn tahtna minhab ba zrar u hmieg li kien hemm meta nqatghet u saret ir-roundabout."*

*Ix-xhud* ***Duncan Baldacchino*** *qal hekk –*

> *"Jiena kont hiereg minn naha ta' Misrah Kola ghat-triq tar-Rabat. Waqaft ghax kien gej mutur min-naha tar-Rabat u kienet ghadha ssir roundabout gdida. Issa ndunajt li tal-mutur li kien gej minn faccata tieghi ghax jiena kont qed nistenna biex nohrog, tal-mutur ma ndunax b'din ir-roundabout ghax ma kienux ghamlu tabelli u baqa' diehel gor-roundabout…..Bhala dawl li kien hemm poor, kienet qisha construction site u ma kienx hemm tabelli. Fil-fatt fejn saret ir-roundabout it-triq kienet asfaltata pero' kien hemm hafna zrar man-naha tas-centre strip."*

*Il-Qorti fliet ir-ritratti esibiti in atti, uhud mehudin l-ghada tal-incident, liema ritratti jixhtu dawl ampju fuq il-meritu tal-kaz, u taghmel is-segwenti osservazzjoniijiet:*

*1. Jidhru roqghat ta' hmieg u zrar mitluqa fuq it-tarmac fiz-zona vicin u madwar ir-roundabout, kif muri partikolarment mir-ritratt ZM 326, CS 4, CS1 u CS227. Minn dawn ir-ritratti tidher proprju d-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur bil-mutur, fejn fl-ahhar parti tat-triq kif wiehed ikun ser jaqbad ir-roundabout, u cioe' fejn tilef il-kontroll tal-mutur l-attur, jidher ammont konsiderevoli ta' hmieg u zrar. Din kienet iz-zona fejn saru x-xoghlijiet mis-socjeta' konvenuta Schembri Barbros Ltd. Jidher ukoll l-arblu mmejjel lejn it-tarf tar-roundabout (Ritratt CS 328);*

*2. Ir-ritratti mmarkati minn CS 5 sa CS 8 juru z-zona kif kienet tidher bil-lejl, meta sar l-incident. Mhemmx dubju li z-zona hija kwazi dlam cappa. Anke jekk kif xehed l-attur, illum il-gurnata hemm dawl f'dik iz-zona, f'dik l-epoka ma kienx hemm. L-attur kompla jixhed hekk –*

> *"Kif inzilt mit-Tattingers qbizt lil Ta' Qali hemm dawl, imbaghad tigi din il-kurvatura u minn hemm 'l hemm ma kienx hemm."*

*3. Id-dawl tal-mutur, li l-attur jikkonferma li kien mixghul fil-hin tal-incident ma jistax ragjonevolment jitqies li kien bizzejjed biex l-attur ikollu vizwali cara u tajba taz-zona shiha fejn sehh l-incident. Inoltre, dok CS 7 juri biss dawl minimu fuq ix-xellug tat-triq minn hanut tal-hwejjeg tat-tigijiet u jidher ukoll arblu fuq il-lemin tat-triq (li lanqas biss kien fid-direzzjoni li minnha kien gej l-attur) li fih ftit zebgha fluorexxenti u bozza tad-dawl mitfija. F'dok CS 8, li ttiehed fiz-zona fejn l-attur tilef il-kontroll tal-mutur, l-unika haga li tidher ftit huwa d-dawl baxx tal-arblu fir-roundabout. Ir-roundabout prattikament ma tidhirx, u wisq inqas it-trab u z-zrar li kien hemm fil-post. Lanqas tidher il-parti t'isfel tal-arblu jew il-ventijiet li kienu qeghdin izommuh.*

*Fic-cirkustanzi l-Qorti ma tistax tatribwixxi xi tort lill-attur li, minghajr ma kellu vizibilita' ragjonevoli ta' dak li kien hemm mal-art u fil-vicinanzi mmedjati, gie rinfaccjat b'mod inaspettat b'dan iz-zrar u hmieg li minhabba fihom tilef il-kontroll u spicca gor-roundabout bl-arblu fiha bil-konsegwenzi kollha li sehhew. Difficilment fic-cirkostanzi jista' jigi pretiz mill-attur li huwa jkun ragjonevolment f'qaghda li jikkontrolla l-mutur tieghu biex jigi skapulat dak il-hmieg u z-zrar u biex jigi evitat l-incident.*

***Ghaldaqstant l-attur m'ghandu jgorr ebda responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.***

*Imiss issa jigi ezaminat jekk hemmx responsabbilta' li ghandha tingarr mis-socjeta' konvenuta Schembri Barbros Ltd u/jew l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport.*

*Fl-ewwel lok, ghal dak li jirrigwarda lil Schembri Barbros Ltd, il-provi juru li l-applikazzjoni ghall-permess biex isiru x-xoghlijiet in kwistjoni saret minn Anton Schembri ghan-nom taghha u l-permess*

*originarjament inhareg mill-4 ta' Settembru 2006 sat-12 t'Ottubru izda mbaghad gie estiz sat-3 ta' Novembru.*

***Anton Schembri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta*** *jghid li x-xoghlijiet in kwistjoni tlestew qabel il-31 t'Ottubru 2006, u cioe' qabel id-data tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Skont Schembri u d-dokumenti prezentati minnu huwa jghid li x-xoghlijiet tlestew fl-20 t'Ottubru. Jghid ukoll li –*

> *"Qed nigi mistoqsi jekk fit-3 ta' Novembru 2006 jekk it-triq kinitx lesta u ahna tajna l-handover nghid li l-ghodda taghna kif ukoll is-signage temporanju li kellna on site meta kien qed isir ix-xoghol kien kollu tnehha u t-triq kienet miftuha normali ghall-pubbliku."*

*Dwar is-sinjaletika huwa jghid li kienu wahhlu sinjali –*

> *"waqt li li ahna ghaddejjin bix-xoghol li turi lin-nies li qed tahdem ix-xoghlijiet. Imbaghad hemm road signs ohrajn li meta inti tiftah it-triq ghall-pubbliku li x-xoghlijiet kollha jkunu lesti. Jiena nista' nghid li fid-data tal-incident li kien f'Novembru, ix-xoghlijiet kollha kienu lesti u ahna kellna stallat ir-road signs li baqghu hemm hekk sal-lum."*

*Schembri jkompli jghid li kien fil-31 t'Ottubru li huma nstallaw id-directional signs u l-glass markers fuq is-sit. Huwa jghid ukoll li r-ritratti esibiti bhala Dok AS2 u AS3 a fol 127 u 128 tal-kaz konness "ittiehdu meta meta tlestew ix-xoghol ezatt."*

*Jigi nnutat ukoll li fost il-kundizzjonijiet marbuta mal-permess mahrug mill-Awtorita' konvenuta, is-socjeta' Schembri Barbros Ltd kienet marbuta li –*

- *Taghmel "Adequate signage to be set out 24hs a day for the whole duration of the works;*

- *"All excavated material is to be carted away from site on its being excavated and during backfilling inlay the immediately required quantities of material are brought to site at any time";*

- *"The Contractor shall regularly monitor the works carried out under this permit to insure satisfactory performance in accordance with specifications and conditions herein…."; *

- *"Chapter 10 Section 33*

> *"A sufficient light shall also be placed, during the night on or near the materials lying in the street, by the person who shall have laid there such materials on the occasions of any building, repair or excavation"*

- *"Chapter 10 Section 34*

> *"It shall not be lawful to leave in any street, building materials or other obstructions…."*

*Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ssib li fuq bazi ta' probabilta' huwa minnu li x-xoghlijiet mis-socjeta' konvenuta kienu lesti almenu sad-data tal-incident. Dan jirrizulta mhux biss mid-dokumenti esibiti u mis-senjalitika li tindika li saret roundabout gdida izda wkoll ghax il-permess ghal tali xoghlijiet kien jiskadi dakinhar stess li sehh l-incident 3 ta' Novembru 2006 u ma kienet intalbet ebda estensjoni ghat-tkomplija tax-xoghlijiet.*

*Madankollu s-socjeta' konvenuta ma tistax tahrab mir-responsabbiltajiet taghha bhala kuntrattur. Is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li wara t-tlestija tax-xoghlijiet* ***ma thalli warajha ebda periklu ghas-sewwieqa u l-utenti tat-triq****.*

*Anton Schembri ghan-nom taghha kien xehed hekk –*

> *"Ahna bhala permess jorbotna li ma nhallux periklu warajna on site.* ***U dik hija wahda mill-prijorita' illi ma nhallix periklu ghal terzi li on site tkun qeghda safe all the time, during the works <u>u iktar u aktar meta jien inhalli s-site</u>****. Il-Field Officers minn naha ta' Transport Malta jigu jiccekjaw illi s-site qeghda adequate biex it-traffiku jista' jghaddi minghajr road safeties illi ghandi bzonn naghmel jien bhala kuntrattur."*

*Il-provi li tressqu juru li din is-socjeta' ma aderietx mal-obbligu taghha li ma thalli ebda periklu warajha. Il-fatt wahdu li l-Awtorita' konvenuta ma hadet ebda passi kontriha ma jezonarhiex mir-responabbilta' lanqas. Ir-ritratti in atti ma jistghux hlief jixhdu t-traskuragni murija mis-socjeta' konvenuta li, wara li lestiet il-progett taghha, halliet trab u zrar imxerred fiz-zona minflok ma naddfet il-hmieg li kkreat hi stess minhabba dawn ix-xoghlijiet. Dan in-nuqqas mhux biss ikkawza periklu ghas-sewwieqa li kienu jkunu ghaddejjin minn hemm, izda kien dan l-istess nuqqas li proprju kien il-kawza prossima tal-incident stante li kien fuq dan it-trab u zrar li l-attur tilef il-kontroll tal-mutur u b'hekk sehh l-incident.*

*Inoltre u mir-ritratti esibiti, partikolarment dawk ta' bil-lejl li huma l-aktar rilevanti ghall-kaz tal-lum, jirrizulta li din is-socjeta' lanqas ma hadet dawk il-mizuri sabiex tassigura li r-roundabout tkun almenu vizibbli ghall-utent tat-triq bil-lejl. Anzi, kif jidher mir-ritratti fl-epoka tal-incident, ir-roundabout kienet imdallma hafna b'periklu ghal min ikun qed javvicinaha.*

*Zgur ghalhekk li ghal din in-nuqqas ta' prudenza u diligenza ta' bonus pater familias, is-socjeta' konvenuta ghandha ggorr responsabbilta' ghal dan l-incident.*

*Minn naha taghha l-Awtorita' konvenuta ghamlet kull tentattiv possibbli biex tiddistakka ruhha mill-incident de quo.*

*Fl-ewwel lok, mhuwhiex kontestat li x-xoghlijiet in kwistjoni saru fuq inkarigu ta' terzi u l-Awtorita' ma kellha ebda sehem fl-ikkummissjonar tal-progett. Kif xehed il-**perit David Vassallo** –*

> *"L-Awtorita' kull ma ghamlet li harget il-permess biex isiru r-road works fit-triq in kwistjoni. L-Awtorita' la qabbdet il-kuntrattur u lanqas hallset ix-xoghlijiet."*

***Joseph Chircop**, ukoll ghan-nom tal-Awtorita' xehed hekk -*

> *"Qed nigi mistoqsi min-naha tal-ADT x'naghmlu biex nassiguraw ruhna li l-kuntrattur irid joqghod mal-klawsoli u kundizzjonijiet li jkollu fil-permess nghid li jkun hemm il-perit in charge tad-distrett li mieghu ikollu n-nies li jaghmlu inspections on site….Qed nigi mistoqsi x'inhi l-procedura meta jkun hemm kaz fejn il-kuntrattur ma jaderix mal-kundizzjonijiet li jkollu fil-kuntratt nghid li ovvjament jekk jirrizulta dan ahna min-naha taghna l-ewwel naghtu twissija billi niktbulu bil-miktub u sussegwentement….jekk jirrizulta xi nuqqas min-naha tieghu jinzammulu l-flus li jkollu bhala garanzija."*

*Bhala fatt, kif konfermat minn dan ix-xhud stess, l-Awtorita' la baghtet xi ittra ta' twissija lis-socjeta' konvenuta u lanqas haditilha l-flus tal-garanzija. Chircop ikompli –*

> *"Skond ir-records taghna jidher ghalhekk li Schembri aderixxa mal-kundizzjonijiet li kellu."*

*Imbaghad **Anton Schembri** xehed li –*

> *"Mistoqsi jekk waqt li konna qed naghmlu x-xoghlijiet jekk kienux gew ufficjali tal-ADT jiccekkjaw nghid li bhala field officers kienu jigu 3 darbiet fil-gimgha u bhala perit kien jaghmel spezzjonijiet tax-xoghol ukoll."*

*Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-Awtorita' ghandha wkoll iggorr responsabbilta' ghal dan l-incident, anke jekk mhux fi grad gholi daqs is-socjeta' konvenuta.*

*Fil-fehma tal-Qorti, l-Awtorita' dwar it-Trasport, anke jekk ma kinitx hi l-klijent li ordnat ix-xoghol, xorta kellha d-dover li tassikura ruhha li l-kuntrattur qieghed jaderixxi ruhu mal-obbligi kollha tal-permess. Dan kif ammess mir-rapprezentant tal-Awtorita' stess. Izda anke jekk ir-rapprezentanti ta' din l-Awtorita' xehdu ( kif konfermat minn Anton Schembri tas-socjeta' konvenuta) li kienu regolarment imorru periti u field officers taghha biex jispezzjonaw ix-xoghlijiet in corso, ma jistax jigi konkluz li d-dover ta' sorveljanza tal-Awtorita' gie moqdi kif inhu rikjest minnha. Dan ghaliex hija ppermettiet li wara t-tlestija tax-xoghlijiet sa meta sehh l-incident it-triq tibqa' biz-zrar u hmieg tax-xoghlijiet li saru mis-socjeta' konvenuta u ma hadet ebda passi kontriha kif kellha l-obbligu li taghmel fic-cirkustanzi. La kuntrattur li hadem fi triq pubblika halla materjal ta' zrar u hmieg fiz-zona tax-xoghlijiet wara li dawn tlestew, b'periklu ghas-sewwieqa, skatta nuqqas tal-kuntrattur li l-Awtorita' kellha d-dover li tagixxi dwaru b'mod immedjat. Anzi, kif juru*

*r-ritratti, il-hmieg u z-zrar kienu qeghdin sahansitra jghattu parti mis-senjalatika tal-art – dan matul il-jum, ahseb u ara kemm setghet tali senjalatika tidher sew bil-lejl ghall-utenti tat-triq. Nonostante dan kollu, l-Awtorita' ma harget ebda twissija kontra s-socjeta' konvenuta u lanqas ippenalizzatha.*

*Inoltre, l-Awtorita' ghandha d-dover ta' sorveljanza u l-immanigjar tat-traffiku fit-toroq b'mod kontinwu u dan kif johrog mill-funzjonijiet generali taghha skont il-Kap 332. Fil-kuntest tal-kaz odjern, tenut kont tad-dlam konsiderevoli li kien hemm fit-triq fl-epoka tal-incident, l-Awtorita' ma jirrizulta li hadet ebda passi konkreti sabiex tiggarantixxi traffic management adegwat f'din it-triq arterjali f'kull hin tal-gurnata sabiex jigi evitat il-periklu ghas-sewwieqa, partikolarment matul il-lejl.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti lanqas ma tista' taqbel intierament mal-lodo arbitrali esibit in atti in kwantu f'dak il-kaz, fir-rigward ta' incident li kien sehh ftit taz-zmien qabel, kienet biss is-socjeta' Schembri Barbros li kienet instabet responsabbli.*

*Il-fehma ta' din il-Qorti dwar ir-responsabbilta' li ghandhom igorru l-konvenuti msemmija hija ulterjorment imsahha bil-fatt li kif urew il-provi mressqa fil-kaz, f'dak il-perjodu li fih sehh l-incident de quo kien hemm numru konsiderevoli ta' incidenti stradali ohra fl-istess zona. Infatti apparti l-incident tal-attur, il-lodo arbitrali esibit fl-ismijiet* ***Fogg Insurance Agencies Ltd vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta*** *jitratta incident fejn is-sewwieq kien gej mill-istess direzzjoni tal-attur odjern u wkoll bil-lejl. Minhabba nuqqas ta' vizwali disponibbli huwa habat mac-central strip li kien hemm vicin l-istess roundabout li ssemmiet ukoll fil-proceduri odjerni. Inoltre, Pulizija li xehed f'dawk il-proceduri xehed ukoll li: "waqt li kont qed naghmel dan ir-rapport, niftakar li giet vettura ohra u dahlet fir-roundabout li semmejt."*

*Anke fil-proceduri odjerni, ix-xhud* ***Duncan Baldacchino*** *xehed li-*

> *"l-ghada (tal-incident) tlajt nara peress li noqghod hemm hekk u anke l-papa tieghi cempel hafna drabi l-Works Department ghax barra l-incident tal-mutur rajt xi zewg habtiet ohra jsiru quddiemi u jibqghu telghin fuq ir-roundabout."*

***Il-Qorti tqis li fic-cirkustanzi s-socjeta' konvenuta ghandha ggorr zewg terzi tar-responsabbilta' filwaqt li l-Awtorita' ghandha terfa' terz tar-responsabbilta' ghal dan l-incident.***

*Fic-cirkustanzi ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-attur".*

15. Permezz tal-appell inċidentali tagħha l-<u>Awtorita` għat-Trasport f'Malta</u> tilmenta illi hi m'għandhiex terfa' responsabbilita` tal-inċident *de*

*quo* u lanqas ma għandha tħallas ebda danni u spejjeż. Targumenta illi l-attur istitwixxa din il-kawża abbażi tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu – tort *ex delictu.* Issostni iżda li n-nuqqas attribwit lilha ma kienx il-kawża prossima tal-inċident u *se mai* kienet kwistjoni sekondarja u li l-ħtija attribwita lilha mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tagħha taqa taħt l-Artikolu 33 u 34 tal-Kap. 10, hija dik kontemplata fl-Artikolu 1032(2). Bla ħsara għal dan tenniet imbgħad li meta seħħ l-inċident is-sit in kwistjoni kien taħt ir-responsabbilita` tal-kuntrattur, ċioe` s-soċjeta` konvenuta Schembri Barbros Ltd., tal-pompa tal-petrol li nkarigat lill-imsemmi kuntrattur u tal-perit imqabbad mill-kuntrattur. Tgħid li filwaqt li waqt l-andament tax-xogħlijiet hija obbligata tassigura ċerti aspetti tekniċi u tikkordina ma' entitajiet oħra, l-obbligazzjoni li tirreaġixxi meta l-kuntrattur ma jaderixxix mal-kundizzjoni li ma jħallix ħmieġ u żrar fis-sit, b'periklu għat-traffiku, tiskatta meta l-Awtorita` tiġi nfurmata li x-xogħlijiet kienu lesti (Art. 29(3) tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta). Targumenta iżda li m'hemmx prova li dan kien il-każ. Issostni wkoll li peress li l-permess li kellu l-kuntrattur skada propjru f'jum l-inċident, *ossia* fit-3 ta' Novembru 2006, hija ma setgħetx tirreaġixxi kif mistenni minnha mill-Artikolu 2 tal-Kap. 10. Tgħid ukoll li l-liġi applikabbli dak iż-żmien kien il-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk taħt il-ġurisdizzjoni u s-sorveljanza tal-Pulizija. Finalment issostni wkoll li l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija kontributorja fl-attur peress li kien qed isuq b'veloċita` eċċessiva li skontha kienet il-

kawża prossima tal-inċident odjern għaliex kieku kien qiegħed isuq b'veloċita` anqas kien jevita l-inċident.

16. Il-konvenuta Schembri Barbros Limited min-naħa l-oħra tilmenta illi, sa fejn jirrigwarda lilha, il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti hija legalment u fattwalment skorretta. Issostni li x-xogħlijiet min-naħa tagħha tlestew qabel l-31 ta' Ottubru 2006, *ossia* qabel it-3 ta' Novembru 2006 u għalhekk f'dik id-data diġa` kien hemm *handover* formali tas-sit favur l-Awtorita` konvenuta. Għalhekk issostni illi, anke kieku f'dik id-data riedet tagħmel xi ħaġa, lanqas setgħat. Tisħaq ukoll li minn ebda prova ma rriżulta li t-trab u ż-żrar li kien hemm fit-triq meta seħħ l-inċident tħallew minnha u lanqas ma jirriżulta li hija naqset milli tnaddaf is-sit mat-tlestija tax-xogħlijiet. Anzi, l-Awtorita` konvenuta kkonfermat li kienet sodisfatta bix-xogħlijiet tant li l-garanzija bankarja ġiet rifuża lilha b'mod sħiħ. Tgħid għalhekk li r-responsabbilita` għall-inċident għandha tiġi attribwita lill-Awtorita` konvenuta u lill-attur innifsu li skontha naqas milli jżomm *a proper lookout*.

17. Għalhekk kemm l-Awtorita` tat-Trasport u Schembri Barbros Limited appellaw biss mill-kap tas-sentenza li jitratta dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti qasmet ir-responsabbilta` bejniethom. Kull wieħed minnhom jippretendi li m'għandux responsabbilta` għal dak li ġara, għar-raġunijiet li semmew fl-appell inċidentali rispettiv.

18. Punt li jidher li sfuġġa lil dawn iż-żewġ konvenuti hu dwar il-fatt li s-sentenza **Claire Said v. Awtorita` dwar it-Trasport et** (181/2008) deċiża fl-4 ta' Ottubru 2017 hi ġudikat peress li ħadd mill-partijiet m'appella minnha. Kawża li fiha kienu parti wkoll l-attur Christian Muscat, l-Awtorita` dwar it-Trasport u Schembri Barbros Limited, u li fiha kemm l-Awtorita` konvenuta u Schembri Barbros Limited ġew dikjarati responsabbil għall-inċident f'sehem mhux ugwali. Fiż-żewġ sentenzi l-Ewwel Qorti għamlet l-istess konsiderazzjonijiet għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta` għall-inċident li kien il-mertu taż-żewġ kawżi. Il-konvenuti ma jistgħux jippruvaw jinqdew bl-appell inċidentali li ppreżentaw fil-kawża in eżami biex jinqaleb dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta`. Jekk ma qablux mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda r-responsabbilta`, kellhom jappellaw miż-żewġ sentenzi. Ġaladarba hemm diġa` sentenza fil-kawża 181/2018 li ddeterminat kif għandha tinqasam ir-responsabbilta` dwar l-inċident mertu tal-kawża, dik il-kwistjoni hi magħluqa u dak il-kap ma jistax jerġa' jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti. Sentenza li torbot lill-partijiet li għandhom interess fl-appell inċidentali, ġaladarba kienu parti fil-kawża 181/2008. Jekk isir mod ieħor din il-Qorti tkun qiegħda tmur kontra l-principju kardinali taċ-ċertezza legali li tagħti sentenza tal-qorti li tkun għaddiet f'ġudikat.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell inċidentali ta' Schembri Barbros Limited u tal-Awtorita` dwar it-Trasport (illum Transport Malta). Kull waħda minnhom għandha tħallas l-ispejjeż kollha relatati mal-appell inċidentali li ppreżentat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm